# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Seduta tat-23 ta' Jannar 2019**

**Kumpilazzjoni numru 5/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Mar John Desira**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Mar John Desira ta' dsatax-il sena (19), bin Carmelo u Rita nee Abela, imwieled Pieta' fit-12 ta' Jannar, 1996, u residenti 18 Triq Ħal-Tarxien, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita' nru. 28796M:

Akkużat talli f'xi żminijiet u ħinijiet wara it-22 ta' ottubru 2013 fi Triq Wied il-Għajn, Zejtun u/jew f'dawn il-gżejjer:

1. Ikkometta serqa ta' 'body parts' minn vettura tal-għamla BMW316 numru tar-reġistrazzjoni EAL451 għad-detriment ta' Jean Pierre Garcia mil-Fgura u/jew persuni oħra liema serq aggravat bil-valur li a jeċċedix €2329.37, lok, ħin, mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

2. Ukoll talli fl-istess ċirkostanzi fiż-Zejtun u f'dawn il-ġżejjer xjentement xtara jew laqa għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod ieħor li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom liema oġġtti msemmija li kienu ġejin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix €2329.37, lok, ħin, mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

3. Ukoll talli fl-istess ċirkustanzi kiser il-provvediment tal-artikolu 7 tal-Kap 446, mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati Malta (Dr. G. Grixti LL.D.).

Rat illi matul is-seduta tas-26 ta' Jannar 2016 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;[1]

[1] Folio 8 tal-atti proċesswali.

Rat ukoll li l-uffiċjal prosekutur eżebixxa l-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-proċedura f'dan il-każ tipprosegwi sommarjament;[2]

Rat li matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Rat li matul is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2017 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li fir-rigward tal-kawża kontra l-imputat huwa ma kellux aktar provi x'jipproduċi;[3]

[2] Folio 6 tal-atti proċesswali.
[3] Folio 128 tal-atti proċesswali.

Rat id-dokumenti kollha preżentati, ħadet konjizzjoni tax-xiehda tax-xhieda prodotti, semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, u wara li fliet l-atti kollha tal-kawża.

***Ikkunsidrat :-***

Illi fit-22 ta' Ottubru 2013, PS1530 David Cini mill-Għassa tal-Fgura kien irċeva rapport mingħand Jean Pierre Garcia ID 210993M li infurmah li persuna mhux magħrufa kienet serqet il-BMW tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni EAL451 filwaqt li kienet ipparkjata ġewwa Triq il-Kuluvert, Fgura, faċċata tar-residenza tiegħu. Fl-20 ta' Diċembru 2013 l-Ispettur Zammit kien irċieva informazzjoni dwar is-sejba ta' din il-vettura li kienet instabet mitluqa ġewwa ż-Żejtun. Meta din ġiet ritornata lura lil sidha, hu stqarr mal-Pulizija li l-karozza kellha xi parts neqsin, senjatament il-*bonnet* ta' quddiem, il-*bumper* ta' quddiem, it-tarek ta' reġistrazzjoni, iż-żewġ mirja, il-batterija, apparti xi effetti oħra li kienu fil-vettura fil-mument meta din insterqet.

Dil-vettura ġiet spezzjonata mill-membri tal-Forensika fejn irriżulta ident palmari li kienet qablet ma dik tal-imputat[4]. In vista ta' dawn ir-riżultanzi l-imputat ġie arrestat u mitkellem mill-Pulizija fejn matul stqarrija rrilaxxata minnu u datata it-8 ta' Ottubru 2015, hu ammetta li kien ħa dawn il-parts minn fuq il-vettura in kwistjoni u li minflok kien

---

[4] Din l-impronta ġiet sussegwentement ikkonfermata wkoll mill-espert Joseph Mallia li inħatar matul dawn il-proċeduri a folio 97 tal-atti proċesswali.

ramahom fuq il-vettura ta' ħuħ, li kienet ukoll tal-istess għamla allovolja mudell differenti. Wara madwar tlett ġimgħat li kien waħħalhom kien biegħ il-vettura reġistrata fuq ħuħ lil persuna min Ħal-Tarxien, senjatament Malcolm Fenech. Matul l-investigazzjonijiet l-imputat kien anki indika lil Pulizija l-garaxx fejn kien biegħ din il-vettura li kienet sitwata ġewwa Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Tarxien.

L-imputat kien ċaħad li kien hu li kkometta s-serqa tal-vettura minn fejn kienet ipparkjata. Din iċ-ċirkonstanza ġiet ikkonfermata peress li tul l-investigazzjonijiet rriżulta li kienu żewġ persuni oħra li kienu serqu l-vettura ċioe Wilton Gatt u Marley Cassar. Dawn xehdu f'dawn il-proċeduri u wara li ġew debitament imwissija minn din il-Qorti, ikkonfermaw mhux biss li kienu huma li serqu din il-vettura talli kkonfermaw ukoll li l-imputat ma kienx magħhom matul is-serqa. L-anqas ma ġie pruvat li seta' kien hemm xi ftehim mal-imputat qabel ma saret is-serqa għal dak li jirrigwarda s-serqa tal-*parts* minn fuq din il-karozza. Konsegwentement l-imputat tressaq mixli l-Qorti fuq is-serq tal-*parts* ta' din il-karozza kif ukoll tar-riċetazzjoni tal-*parts* provenjenti minn vettura misruqa minn terzi.

***Ikkunsidrat :-***

Illi d-Difiza ma resqitx provi matul il-proċeduri iżda fit-trattazzjoni finali sostniet li in vista ta' ġurisprudenza reċenti żviluppata minn dawn

il- Qrati, l-istqarrija tal-imputat kif mogħtija hija inamissibbli minħabba l-fatt li fiż-żmien meta din saret, il-Liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt tal-assistenza legali matul u waqt l-interrogazzjoni. Konsegwentement l-istqarrija tiġi meqjusa li tkun ittieħdet bi ksur tal-artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

*In subsidium* u mingħajr preġudizzju għall-premess, id-Difiża qajmet ukoll il-prinċipju tar-*res derelicta.* Id-Difiża argumentat li l-imputat ma jistax jinstab ħati tas-serq tal-*parts* in kwantu, f'moħħ l-imputat, l-oġġetti 'misruqa' fil-fatt kienu dehru li kienu ġew abbandunati minn sidhom u għalhekk ma jistax jingħad li l-imputat setgħa jisraq oġġetti li kienu derelitti.

***Kusiderazzjonijiet dwar punti legali***

Illi fid-dawl tan-natura tat-trattazzjoni difensjonali huwa essenzjali li l-ewwel qabel kollox, din il-Qorti tittratta jekk l-istqarrija tal-imputat għandiex tifforma parti o meno mill-atti proċesswali ta' dan il-każ.

Preliminarjament m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li fi żmien meta l-imputat irilaxxa l-istqarrija, hu kien ingħata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, liema dritt infatti, hu eżerċita. Madankollu ma kien ingħata l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu

matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi Maltija permezz tal-artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att AL tas-sena 2016.[5] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-imputat kien ġie interrogat.

Minn meta daħlet fis-seħħ din il-Liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi kazijiet pendenti ta' natura kriminali, meta allavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skond il-Liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' ***Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et***[6] fejn il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat ir-rimedju tal-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irrilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kienet esprimiet is-segwenti:

> Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diga bdew jesprimu d-dubbji taghhom rigward jekk, il-ligi, kif kienet dak iz-zmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegh xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:
>
> "…jista' jkun hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti llum taht il-ligi taghna, huwa ristrett ghal siegha

[5] Fit-28 ta' Novembru 2016.
[6] Rikors kostituzzjonali 92/16.

> qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor."
>
> "Huwa car ghalhekk illi skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif zviluppat u evolviet sussegwentement ghas-sentenza ta' Salduz, il-garanzija u protezzjoni ta' smiegh xieraq tirikjedi illi l-arrestat jinghata l-possibilita li jkollu mieghu avukat tal-fiducja tieghu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Ghalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tar-rikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni.
>
> "M'huwiex kontestat, illi fiz-zmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiducja tieghu prezenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma thalliex ikollu avukat prezenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma inghatax access ghall-avukat tieghu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt wahdu, skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa bizzejjed biex tinstab lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq.'

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat mill-Qrati Maltin kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Claire Farrugia***[7] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018 li għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien ***Salduz vs Tukrija*** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti r-rappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti. Dan l-istess prinċipju ġie wkoll ribadit fil-kawżi fl-

[7] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera.

ismijiet : - ***Il-Pulizija vs Shannon Cauchi*** tal-15 ta' Jannar 2019 u ***Il-Pulizija vs. Michael Agius Borg*** deċiża fl-istess jum mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera.

Issa matul it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni ssottomettiet illi dak sottomess mid-Difiza għal dak li jirrigwarda dan id-dritt ma japplikax għal dan il-każ u dan minħabba l-fatt li l-Pulizija m'għandhomx biss bħala prova l-istqarrija tal-imputat fejn hu ammetta għal dak illi seħħ iżda bbażaw ruħhom ukoll fuq ix-xhieda tal-Pulizija kif ukoll fuq l-impronta palmari li qablet ma dik tal-imputat u li nstabet fuq il-BMW li nsterqet speċifikament mill-parti ta' bejn il-bonnet u r-rota ta' quddiem tal-lemin.

Madankollu mill-analizi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li għalkemm l-istqarrija tkun skartata, l-Qorti ta' ġudikatura kriminali xorta waħda tkun trid tanalizza jekk mill-atti jkunux jirriżultaw provi suffiċjenti kontra l-persuna imputata li jistgħu iwasslu għal sejbien ta' ħtija o meno. Dan kien filfatt il-każ fil-proċeduri kontra ***Claire Farrugia*** fejn kienu nstabu wkoll provi materjali oħra apparti l-ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija tagħha li kienet anke ġiet iġġuramentata quddiem il-Qorti skond il-liġi u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli.

Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti u dan bħala salvagwardja għar-retta amminisstrazzjoni tal-ġustizzja.[8] Inoltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata ***tirrifjuta*** l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni u dan fuq l-argument li tali rifjut tal-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni ma kien awtomatikament jeskludi li l-imputat kien ikun irid li jkollu l-assistenza tal-avukat fil-mument meta huwa jkun qiegħed jagħmel l-istqarrija tiegħu. Ir-rifjut tal-avukat qabel l-istqarrija ma jġibx awtomatikament ir-rifjut tal-avukat ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan għax l-interrogat faċilment ikun setgħa biddel fehemtu. B'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.[9]

---

[8] Ara s-sentenza fl-ismijiet ***Malcolm Said vs Avukat Ġenerali*** datata l-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali:

> Madankollu, għalkemm il-Qorti Ewropea hija marbuta bir-regola tal-esawriment tar-rimedji domestiċi, li kienet ir-raġuni għala sabet li l-ilment ta' Dimech kien intempestiv, din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x' aktarx sejra tiġi miksura". Jekk, meta jsir użu minn stqarrija li tkun ittieħdet mingħajr ma min jagħmilha jkollu l-għajnuna ta' avukat, dan ikun bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, mela "x' aktarx" illi d-dritt għal smigħ xieraq jinkiser jekk jitħalla li jsir użu mill-istqarrija, u l-intervent ta' din il-qorti jkun meħtieġ minn issa sabiex ma tħallix li dan isir....
>
> Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b' reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.
>
> Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.
>
> Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.
>
> Madankollu, fil-każ tal-lum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.

[9] Ara s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello*** datata d-9 ta' Mejju 2017 u ***Il-Pulizija vs Aldo Pistella*** deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju 2017 konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-14 ta' Diċembru 2018.

Konsegwentement, għar-raġunijiet premessi, in bażi għall-dawn l-insenjamenti li jidher li saru paċifiċi fil-Qrati Maltin kemm fi prim'istanza kif ukoll fi stadju tal-appell, kemm f'sede penali kif ukoll f'sede kostituzzjonali, peress li jirriżulta li l-imputat ma kienx ingħata l-fakulta tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni, u dan minħabba l-fatt li f'dak iż-żmien il-Liġi Maltija ma kienetx tipprevedi dak ir-rimedju u possibilita, u peress li ma kienx hemm raġunijiet validi jew impellenti li jiġġustifikaw li l-imputat f'dan il-każ ma jingħatax il-fakolta tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti kostretta tqis li l-istqarrija tal-imputat datata 8 ta' Ottubru 2015 mhix prova ammissibbli f'din il-proċedura penali u b'hekk ser tiskarta dak kollu kontenut fiha.

*Ikkunsidrat :-*

Illi stabbilit dan, jifdal issa li din il-Qorti tara xi provi oħra tressqu quddiemha mill-Prosekuzzjoni biex b'hekk din il-Qorti tkun tista' tistabilixxi jekk dawn il-provi humiex suffiċjenti sabiex tkun tista' tinstab ħtija fl-imputat skond kif prospettat mill-Prosekuzzjoni.

Illi x-xhieda tal-Pulizija li investigaw dan il-każ tispjega l-fattispeċi ta' dan il-każ inkluż b'riferenza għal dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija tiegħu li għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija mhux ser tittieħed in

konsiderazzjoni. Hemm ukoll ix-xhieda tal-Pulizija li għamlu x-xogħol forensiku kosistenti fil-fotografija tal-vettura misruqa bil-partijiet neqsin kif ukoll l-elevazzjoni tal-impronti diġitali minn fuq din il-vettura.

Hemm ukoll ix-xogħol tal-analiżi komparattiva magħmula mill-espert Joseph Mallia li jikkonferma illi waħda mill-impronti elevati mit-tim forensiku minn bejn il-bonnet u r-rota leminija tal-vettura misruqa, taqbel mal-impronta tal-imputat, senjatament l-impronta tal-id il-leminijia tiegħu.

Hemm ukoll ix-xhieda tar-rappreżentanti tat-Transport Malta li jikkonfermaw ir-reġistrazzjoni tal-vettura misruqa bin-numru ta' reġistrazzjoni EAL451 kif ukoll dik bin-numru ta' reġistrazzjoni IAJ709 li tgħajjat lil Godwin Desira li jiġi ħu l-imputat.

Hemm ukoll ix-xhieda tal-vittma tas-serqa tal-BMW u tal-*parts* tal-istess Jean Pierre Garcia li jikkonferma s-serqa tal-vettura tiegħu u s-sejba tal-istess madwar xagħrejn wara fiż-Żejtun li meta nstabet kellha diversi '*parts*' u effetti neqsin.

Xehdu wkoll Marley Cassar u Wilton Gatt li ikkonfermaw li kienu filfatt huma t-tnejn li serqu l-vettura u li kienu abbandunawha 'sħiħa' ġewwa ż-Żejtun meta din kienet spiċċat bla fuel. Huma ma kellhom l-ebda involviment għal dak li jirrigwarda s-serqa jew it-teħid tal-*parts* ta' din

il-karozza, liema akkuża ġiet interposta kontra l-imputat f'dan il-każ. Xehed ukoll Malcolm Fenech li jiftakar li persuna bil-kunjom Desira kien begħlu BMW li kellha l-bumper maqlugħ fi tlett biċċiet u kien aċċetta li jixtriha bil-prezz ta' €600 peress li hu dilettant tal-karrozzi l-antiki u jħobb jarmhom. Din il-vettura illum il-ġurnata inbiegħet għand ħaddieħor u b'hekk din il-Qorti mhix infurmata fejn tinstab din il-vettura llum. Dan ix-xhud, mitlub jikkonferma l-identita' tal-persuna li begħlu din il-vettura, ftakar li kien kunjomu Desira u li kellu laqam imma m'għarafx lill-imputat jew lil ħuħ (mir-ritratt fil-PCR) bħala dik il-persuna u lanqas ma ftakar il-pjanċi li kellha din il-vettura.

Finalment hemm ukoll ix-xhieda ta' Godwin Desira, ħu l-imputat, li jikkonferma li ħuħ kien xtara vettura BMW u għamilha fuq ismu peress li kien għadu minorenni meta xtraha imma x'sar minnha eżattament ma jafx. Jidhirlu li din il-vettura inbiegħet jew qegħda fil-garaxx imma ma kienx f'posizzjoni jixhed dwar dan b'ċertezza.

Illi kwindi konsiderando l-provi prodotti jidher li l-unika prova li torbot lill-imputat mal-karrozza misruqa hija l-impronta palmari tiegħu liema prova titqies bħala waħda ċirkostanzjali u mhux diretta.[10] Issa huwa minnu li din l-impronta instabet bejn il-bonnet tal-vettura in kwistjoni u bejn ir-rota leminija ta' din il-vettura. Madankollu tenut kont tal-fatt li

---

[10] Ara fost oħrajn is-sentenzi fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Noel Frendo***, deċiża fit-30 ta' Diċembru 2004 mill-Imħallef Vincent Degaetano, ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer***, deċiża fit-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-imħallfin Noel Arrigo, Joseph Filletti u Patrick Vella.

il-vettura kienet ilha mitluqa fi triq aċċessibbli għall-pubbliku ġewwa ż-Żejtun li hija l-istess lokalita' fejn jirresjedi l-imputat u li allura seta kellu aċċess jew kuntatt ma din il-vettura mhix prova univoka li tikkonvinċi lil din il-Qorti lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li kien neċessarjament l-imputat li seraq il-parts tal-vettura.

Din il-prova kienet tkun skjaċċjanti kieku l-istqarrija tal-imputat setgħet titqies bħala prova ammissibbli u dan għaliex kienet tkun prova korroboranti. Biss jekk l-ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija tiġi skartata kompletament, din l-impronta diġitali waħeda bl-ebda mod ma tista' twassal lil din il-Qorti għall-konklużjoni univoka li kien l-imputat li seraq il-*parts* minn fuq il-vettura de quo. Din il-prova waħeda tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat mess dik il-parti tal-karozza li tiġi bejn il-bonnet u r-rota tal-lemin. Iżda dan il-fatt waħdu jista' jitqies bħala evidenza univoka li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien l-imputat li seraq il-parts? Ir-risposta hija fin-negattiv. Dan għaliex daqskemm setgħa kien l-imputat li mess u seraq dawn il-parts, setgħa kien ukoll li hu mess il-karrozza in kwistjoni iżda li mbagħad ġiet żarmata minn persuna oħra.

Kwindi l-provi diretti rimanenti preżentati mill-Prosekuzzjoni ma humiex suffiċjenti sabiex jippruvaw li kien l-imputat li seraq il-*parts* in kwistjoni. Dawn il-provi diretti magħqudin mal-evidenza ċirkostanzjali tal-impronti diġitali, li kif intwera' aktar il-fuq ma humiex univoċi iżda

ekwivoċi, ma jwaslux għall-konklużjoni li kien l-imputat li seraq il-parts. Il-Qorti setgħet biss tagħlaq iċ-ċirku grazzi għall-istqarrija tal-imputat, li pero, kif intqal aktar il-fuq ma tistax tagħmel riferenza għaliha.

Illi anke fir-rigward tar-reat ta' riċettazzjoni kontestat lill-imputat, din il-Qorti għandha diffikultajiet serji biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat. Ix-xhud Malcolm Fenech jikkonferma li huwa xtara BMW mingħand persuna b'kunjomu Desira imma li ma kienx f'posizzjoni jikkonferma min kienet din il-persuna. Mitlub jistqarr jekk kienx jagħraf lill-imputat, dan ix-xhud ma kienx f'posizzjoni jagħmel dan. L-uniku evidenza ċirkostanzjali li offra dan ix-xhud u li setgħet torbot mal-imputat kienet il-marka tal-vettura : BMW u l-kundizzjoni tagħha kif ukoll li jgħid li xtraha mingħand wieħed kunjomu Desira. Altrimenti dan ix-xhud ma kienx kapaċi jagħti aktar dettalji, l-anqas dwar in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura de quo. B'din il-kwalita ta' evidenza, din il-Qorti ma tistax serenament tikkonferma li l-vettura li kellu ħu l-imputat kienet l-istess vettura li għaddiet għand Malcolm Fenech li da parti tiegħu lanqas ma jista jikkonferma li l-vettura kienet magħmula jew konsistenti minn 'body parts' li kienu misruqin jew provenjenti minn reat. Għaldaqstant u kosegwentement din il-Qorti ser ikollha tillibera lill-imputat ukoll mill-akkuża ta' riċetazzjoni.

Illi finalment għal dak li jirrigwarda l-aħħar imputazzjoni relattiva għall-ksur tal-ordni tal-probation imposta fuq l-imputat, il-Qorti tqis li din hija

tista tirriżulta biss bħala konsegwenzja għas-sejbien ta' ħtija għall-imputazzjonijiet l-oħra. Ġaladarba l-imputat sejjer jiġi liberat minnhom, din il-Qorti lanqas ma tista tippronunzja ħtija ta' dan il-ksur.

# *Deċide*

Illi wara li rat l-artikoli 261, 263, 267, 269, 270, 271, 279(a), 280, 281, 334, 17, 20 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssib lil Mar John Desira mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement tilliberaħ minnhom.

***Aaron Bugeja***

***Maġistrat***

Proċeduri reżi sommarji/kontestati